**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 10 ta' April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 440 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 15**

**BB**
**Vs**
**OM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' BB datat 10 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta ta' Gunju tas-sena Elfejn u Wiehed (6/06/2001) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Lucija, liema zwieg huwa registrat bin-numru sebgha, disgha, tlieta zbarra tnejn, zero, zero, wiehed (793/2001), u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A";*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla li jisimha AM, nhar X li llum ghandha X -il sena;*
>
> *Illi sa minn Awwissu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), il-partijiet kienu 'de facto separati minn xulxin minhabba raguniijiet personali, hekk kif il-hajja konjugali ta' bejniethom ma baqghetx aktar possibli;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure mis-sebgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (27/07/2023) b' kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dottor Clara Farrugia Grixti, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok B";*

*Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin b'mod definittiv. Illi m'hemm ebda manteniment dovut ghal wild tal-partijiet. Inoltre m'hemm l-ebda arretrati dovuti fir-rigward ta' manteniment jew spejjez.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qieghds tipprezenta affidavit taghha li qieghed jigi anness u mmarkat bhala "Dok C";*

*Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal- Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi mhemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;*

*Illi l -esponenti tiddikjara wkoll li fid-dawl ta' dan id-divorzju hija ser izomm il-kunjom taghha ta' xebba, u cioe "B";*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiett necessarji u moghtija l-provvediment opportuni:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex effettivament tassumi mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cjoe B;*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex*

*dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ta' OM datata 11 ta' Ottubru 2024, a fol 16, li taqra hekk:

> *Illi l-esponent ma jopponix it-talba maghmula mir-rikorrenti ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba promotur taghha.*

> *Illi mandankollu l-ispejjez relattivi ghal proceduri odjerni ghandhom jigu sopportanti mir-rikorrent u dan stante illi l-eccepjenti ma kkometta l-ebda nuqqas fil-konfront ta' martu u ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-esponenti ghandu jigi ikkundannat ihallas spejjez relattivi ghal-proceduri mibdija kontra tieghu.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** permezz tal-affidavit **(a fol 13)** illi il-kontendenti izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001). Minn dan iz-zwieg twieldet wild, illum maggiorenni. Xehdet illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju elfejn u tlieta u ghoxrin

(2023) fl-atti tan-Nutar Dr Clara Farrugia Grixti. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat** xehed permezz tal-affidavit (**a fol 17**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) liema zwieg jgib certifikat numru 793/2001 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Clara Farrugia Grixti nhar is-27 ta' Lulju 2023 (Vide Dok B fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 793/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' l-attrici kkonfermat ix-xewqa li tirreverti ghal kunjom xbubita u cioe B, ghazla li gja ghamlet fi klawzola 16 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u ghaldaqstant tissolecita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**